**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Preliminari. Nru : 2743**

Kaz Numru: 3884/JB

Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Colin Galea u
Brady Francis Scerri Sevasta

u

Air X Jet Support (Malta) Ltd

Illum : 9 ta' Lulju, 2021

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairperson: John Bencini B.A (Hons), Lic. Phil, M.O.M.**

## Introduzzjoni

Is-Socjeta' Intimata permezz ta' l-Avukati Roselyn Borg u Patrick Farrugia qajmet Eccezzjoni Preliminari ghax sahqet li wiehed miz-zewg rikorrenti, kellu l-impjieg tieghu terminat waqt iz-zmien tal-probation. Skont dokumenti mill-JobsPlus, jirrizulta li r-rikorrent gie impjegat fit-19 ta' Gunju 2019 bhala ' On board Aircraft Engineer u gie terminat fl-4 ta' Mejju, 2020.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha "in konsiderazzjoni" l-argumenti kifipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Gabra fil-qosor tax-xhieda

Robert Fenech, Head of Human Resources stqarr li Colin Galea kien impjegat bhala ' Flight Onboard Aircraft Flight Engineer. Meta mistoqsi mill-Avv. Gabriel Farrugia li kien qed jidher ghar-rikorrent dwar ir-raguni tat-terminazzjoni, wiegeb " *termination*

*of employment during probation*. Meta mistoqsi ghar-rigward il-formoli li gew sottomessi mal-JobsPlus, x'gie mnizzel, ix-xhud wiegeb hekk," Mela, naturalment, ahna bhala kumpanija, l-industrija , l-impjieg tal-aviation, sfortunatament laqtitna hazin, laqtet hazin lil kull min kien involut. L-impjieg ta' Colin Galea beda f'Gunju 2019, suggett ta' 12-il-xahar probation li kien jiskadi f'Gunju ta' 2020. It-terminu tal-impjieg kien Mejju 2020. Ghaldaqstant, waqt il-probation inti jkollok...trid timxi ma' l-affarijiet konformi b'mod unanimu, konna thadditna li biex noffru wkoll - 'out of good faith' - l-opportunita' ukoll li jkun hemm xi beneficcji li jistghu jittiehdu, Ghalkemm kelli l-liberta` kollha li nikteb 'termination of employment during probation', unanimament iddecidejna - 'out of good faith', ghalih stess iktar milli ghalina, illi nikteb dak li ktibna fil-JobsPlus Form. Naturalment il-JobsPlus ma mlewhiex ghal xejn u ghazilna li nghinu lil Colin Galea........."

Colin Galea xehed li "effettivament ma rcevejt xejn. Ircevejt ftit jiem wara li x-xoghol tieghi li ha jkun itterminat effettivament minhabba l-Covid. Qas hekk, ircevejt ittra biex niffirma *full and final settlement* li" Ovvjament ma ffirmajthiex". Meta mistoqsi mill-Avv. Gabriel Farrugia jekk ghamilx affarijiet ohra u jekk iddiskutiex. Ix-xhud wiegeb hekk - "staqsejt ghala, effettivament bdiet minn qabel ghax jiena ghamilt certu rapporti dwar is-'safety' tal-ajruplan, kif ukoll talbuni nahdem certu sieghat eccessivi li fi zmien tlett ijiem kont ser norqod litteralment ftit sieghat, u jien m`accettajtx. Is-Sur Robert Fenech, ma nafx kif qed jghid, ma jiftakarx, ghax is-Sur Robert Fenech ghajjatli ghal meeting, ghax ghamilt rapport dwar is-'safety' tal-ajruplan, li jien marbut bil-ligi li naghmilhom, u anke certu sieghat m' humiex umani,... u jien xhur minnhom hdimt fuq 300 siegha.

**<u>Trattazzjoni</u>**

L-Avv. Roselyn Borg, ghan-nom tas-Societa' Intimata qalet li trattazzjoni taghha ser tiehu ftit minuti u ha tkun konciza ghax dan huwa punt konciz. Il-punt ta' xi hadd li jitkecca waqt iz-zmien tal-prova. Il-Ligi hija carissima, il-Ligi tghidlek bic-car li min ihaddem, kif ukoll il-haddiem jista' jittermina l-impjieg waqt iz-zmien tal-prova minghajr ma jaghti raguni. Is-Socjeta' Intimata mxiet skont il-provvediment tal-Ligi u ddecidiet tittermina l-impjieg tal-impjegat waqt iz-zmien tal-prova. Ghamlet dan skont il-Ligi minghajr l-ebda ksur ta' din il-Ligi stess; b'hekk dan il-kaz m'ghandux ikompli quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-punti l-ohra li tqajjem mill- kontra-parti, huma kompletament irrilevanti.

L-Avv. Gabriel Farrugia ghan-nom tar-rikorrent qal li qeghdin naqblu li dak iz-zmien ma kienitx ghaddiet l-ewwel sena, allura kien ghadu fil-probation, ma dankollu biex jigu iccarati l-affarijiet, mela l-artiklu 36, Sub-artiklu 2, jitkellem rigward fejn qed nghidu li l-impjieg jista jigi mitmun miz-zewg partijiet-bhal ma qalet il-kollega minghajr ma tinghata ebda raguni. F'dan il-kaz ghal kuntrarju ta' dak li qed nghidu, inghatat raguni.' Ir-raguni li nghatat mhux ghax intemm fi zmien il-'probation', imma ir-raguni anke skont it-'termination form' tal-Jobs Plus, ir-raguni tghid ' Redundancy

due to Covid``,mela dhalna f'aspett iehor differenti, hawnhekk qed nitkellmu dwar 'redundancy', mhux qed nitkellmu dwar 'termination' minghajr raguni, ir-raguni nghatat. Is-Socjeta' Intimata kellha kull dritt twaqqaf l-impjieg minghajr raguni, imma f'dan il-kaz tat raguni, mela dan it-Tribunal ghandu jisma' u jinvestiga x'kienu dawn ir-ragunijiet, u jara jekk qed insemmu 'redundancy' hemm artikli ohra fejn isemmu x'jigri meta jkun hemm 'redundancy'....... It-Tribunal ghandu jara il-mertu kollu fll-intier tieghu ta' dan il-kaz.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Huwa krucjali li it-Tribunal jaghmel accenn ghall-fatt li l-Avukati tal-partijiet qeghdin jaqblu li t-terminazzjoni tal-impjieg grat fiz-zmien meta r-rikorrent kien ghadu fiz-zmien ta' prova. La r-rikorrent gie mkecci fiz-zmien ta' prova tieghu, ghalhekk fiz-zmien fejn kemm il-haddiem, kif ukoll min ihaddem ghandu cans illi jittermina r-relazzjoni kuntrattwali minghajr ma jaghti raguni u minghajr konsegwenzi ulterjuri. It-Tribunal jirreferi ghas-sentenza ta-Qorti tal-Appell (Appell Civili Nru 21\2011), f`liema decizjoni, il-Qorti tal-Appell irrevediet decizjoni tat-Tribunal Industrijali, fejn qalet li t-Tribunal iddecieda b'mod zbaljat meta qal li allavolja r-rikorrenti tkecciet waqt 'probation', hija kellha dritt li tiddefendi lilha nnifisha kontra l' akkuza ta' 'lack of performance', li kienet saritilha. Fis-sentenza, il-Qorti ta' l-Appell, wara li stabbiliet illi r-rikorrenti kienet tassew giet imkeccija waqt iz-zmien tal-prova, kkonkludiet illi (1) IL-Principal kellu il-jedd jitterminalha l-impjieg minghajr ma jaghti raguni u (2) anke jekk il-Principal ta raguni, it-Tribunal Industrijali ma kellux il-kompetenza jikkunsidra jekk dik ir-raguni kientx wahda gusta jew le.

**<u>Decide</u>**

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li la hemm qbil li t-terminazzjoni sehhet waqt iz-zmien ta' prova u dan fattwalment gie ppruvat, sab konformita' li fil-fatt hekk sehh, jigifieri l-impjieg gie tterminat waqt iz-zmien tal-prova, u ghaldaqstant ai termini tal-Artiklu 36(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni preliminari tas-Socjeta' ntimata u jiddikjara li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda. Dan it-Tribunal jordna l-prosegwiment ta' dan il-kaz fir-rigward tat-tieni rikorrent.

Iffirmat : Is-sur John Bencini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja